**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 46**

**IT-TLIETA 11 TA' SETTEMBRU FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| RENE ROSSIGNUAD | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER – 5.45PM |

Il-Vici Sindku u l-Kunsillier C. Said kienu skuzati minhabba ragunijiet ta' xoghol u mad rispettivament.

**Is-Sindku qal it-talba.**

Is-Sindku talab sabiex issir sosspenzjoni ta' l-Aġenda. Il-Kunsillier A. Curmi ssekonda. Il-hin kien 5.10pm.

Is-Segretarju Ezelkuttiv staqsa lill-Kunsill jekk jiddikjarax il-post tal-Kunsillier R. Rossignaud vakanti. Is- Sindku staqsa lil Kunsillier ghal spejgazzjoni minhabba n-nuqqas ta' l-attendeza ghal-laqghat tal-Kunsill.

Il-Kunsillier R. Rossignaud beda billi skuza ruhu mas-Segretarju Ezekuttiv u anke mal-Kunsill ghal mod ta' kif hu agixxa fil-laqgha precidenti. Il-Kunsill accetta l-apologija tal-Kunsillier. Is-Sindku staqsa li l-Kunsillier jispjega r-ragunijiet. Il-Kunsillier spejga li fil-waqt li jiddispjacih talli ma setax jattendi minhabba li xoghol tieghu jinvolvi hafna safar u generalment f'cert pajjizi ma jkunx hemm access ghall-internet. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li dan il-Kunsillier jibqa' fil-kariga ta' Kunsillier ma' dan il-Kunsill.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 45 gew approvati. Is-Sindku ippropona u l-Kunsillier P. Fenech ssekonda.

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is- Sindku ppreżenta rapport idettaljat dwar il-ħdima kontinwa tiegħu minn l-aħħar Seduta. Dan se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

2. B' referenza għall-korrispondenza mill-MEPA dwar l-alterazzjonijiet fil-Pjan Lokali datata 01.08.14; huwa ppropona diversi suġġerimenti. Għaldaqstant ġie deċiż li l-ewwel ssir laqgħa mar-residenti imbagħad tiġi nfurmata l-MEPA bir-riżultati.

3. Huwa ppropona li jiġu nstallati traffic calmers go Victoria Gardens peress li diversi residenti avviċinawh li ta' spiss ċertu vetturi qed jgħaddu b' veloċita qawwija. Kien hemm qbil unanimu li dawn jiġu nstallati. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jinforma lit-Transport Malta.

4. Rigward il-kwistjoni ta' Triq is-Sejjiegħ, biex din tiġi one-way, is-Sindku nforma li sa llum l-ebda resident ma avviccinah biex din l-istess triq tiġi one-way.

5. Is-Sindku pprezenta pjanta ta' proposta ta' bini fi Triq il-Keffa li jigi ezatt ma' dar il-bini tal-Kunsill. Huwa nforma wkoll li s-sidien ta' l-imsemmija kostruzzjoni se jaghtu bicca art ghall-uzu tal-Kunsill. Wara diskuzzjon dwar dan il-progett, il-Kunsill qabel li tintalab devoluzzjoni ta' l-art fejn se jinbena l-progett. Din l-art tkun tista' tintuza ghall-uzu ta' lokalita'.

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI**

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier informa li l-kuntrattur ta' ġbir ta' skart irriċiklat huwa l-GreenPAK. Il-kuntratt uffiċċjali ta' dan il-kuntrattur ġie mqassam li kull Kunsillier. Huwa spejga fid-dettal il-kundizzjonijiet u kif se jibda' jaħdem dan il-kuntrattur. Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2. Huwa nforma li l-attivita' tad-Dog Show li ttelgħet fi Swieqi Fest ta' din is-sena; kienet ta' suċċess peress li għaliha kien hemm attendenza kbira.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat li diversi residenti qed jiġu mmultati peress li qed jipparkjaw quddiem il-garaxx tagħhom stess. Dan minħabba li mux qed jsibu parkeġġ f' ħinijiet partikolari. Il-Kunsillier M. Abela infurmat li se tressaq din l-oġezzjoni fl-ewwel laqgħa li titella tar-Reġjun Tramuntana.

4. Il-Kunsillier ssuġerixxa sabiex ssir laqgħa mar-residenti flimkien mar-rappreżentati tal-kumpanija GreenPAK fis-sala tal-Kunsill. F' din il-laqgħa, ir-residenti jigu nfurmati dwar kif jistghu jibzghu aktar ghall-ambjent.

5. Huwa staqsa ghall-possibilta li jinbena cint fl-entratura tas-Swieqi ezatt malli jispiccaw il-mini. Huwa ssugerixxa li dwar din il-materja, ssir laqgha mal-Peirt tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekutti nforma li dan bħalissa jinsab imsiefer u ghaldasqtant din il-laqgha tkun tista' ssir meta dan jirritorna lura.

6. Il-Kunsillier staqsa jekk wasalitx l-approvazzjoni biex Triq is-Slielem issir one-way. Il-Kunsill gie nfurmat li sa issa gha dma waslitx risposta. Il-Kunsiller A. Curmi informa li din ghandha tkun elenkata ma' iktar mizuri ta' l-imannigjar tat-traffiku fil-lokalita'.

Il-Kunsillier R. Rossignaud talab sabiex jiġi skużat. Il-ħin kien 7.50pm

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier irringrazzja lill-Kunsillier A. Curmi talli b' mod professjonali ħejja ċ-ċirkulari li se tintbagħat li kull resident sabiex jiġu nfurmati dwar l-Art For All courses.

2. Huwa nforma li fil-preżent qed jikkomunika ma' Heritage Malta sabiex fil-futur qarib tiġi organizzata ħarga kulturali li l-prezz għaliha jkun biss €1. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li aktar dettalji dwar din il-materja jingħataw fis-Seduta li jmiss.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## III APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

1. Ġiet ippreżentata l-iskeda tal-pagamenti nru.77 li ntbagħtet minn qabel lil kull Kunsillier permezz ta' email. Wara li saru xi aġġustamenti mitluba skond l-email tal-Kunsillier A. Curmi ( App.B), kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti biex dawn il-pagamenti jiġu approvati apparti dawk li ghand issiru xi kjarifikazzjonijiet.

Minhabba nuqqas ta' quorum, din il-laqgħa spiċċat fit-8pm u sar aġġornament għal nhar il-Ħamis 25 ta' Settembru 2014 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**